MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Numru. 1113/2009

Il-Pulizija
(Sp Edmond Cuschieri)
vs
Antoinette El-Ichati, bint Emmanuel Vella, imwieleda l-Belt, Valletta fl-24 ta’ Marzu, 1959, Karta ta’ l-Identita numru 205659(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli fis-27 ta’ Settembru, 2009 għal ħabta tat-3.30 a.m. f’San Pawl il-Baħar attakat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuni ta’ PS935 Patrick Cassar, PC1185 William Saliba u WPC267 Jolene Grima membri fil-korp tal-pulizija u nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-

esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita' kompetenti;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi nġurjat, jew hedded, jew għamlet offiża fuq il-persuni ta' PS935 Patrick Cassar, PC1185 William Saliba u WPC267Jolene Grima membri fil-korp tal-pulizija u nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezzagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar ikkaġunat offiża ta' natura ħafifa, skond kif iċċertifika Dr. Scerri M.D. tal-Mosta Health Centre, fuq il-persuna ta' PC1185 William Saliba;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi rrifjutat li tagħti jew tat falz, lil l-uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li kien inkarigat minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, isimha, kunjomha u partikularijiet oħra;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi bil-lejl kisret il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, għajjat jew b'mod ieħor;
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-inċident kien wieħed ta' ftit importanza kaġunat mill-fatt li t-tifel tagħha hu minuri bi problemi serji ta' komportament, taħt il-kura ta' psikologu u dan l-inċident inqala minħabba fih.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 95, 96, 221(1) u

338(h)(m)(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien disa’ xhur mil-lum. Minbarra dan, tagħmel rakkomandazzjoni serja li l-impieg tagħha jiġi salvagwardjat tenut kont li hi l-unika ‘breadwinner’ għaliha u għal binha minuri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------